**Tibqa' għal dejjem f'qalbi**

Kienet l-għaxqa tiegħi li niġi nżurek
Meta kont inkun għaddej bit-trolli,
Kont narak u qalbi dlonk kienet tifraħ
Tgħaxxaqt bik għall-moral tiegħek għoli.

Għadni nħossha l-barka ħelwa li tajtni
Kull darba li kont ngħaddi w noqgħod ħdejk,
Minnek kienet toħroġ ħafna mħabba
L-għożża ta' Kristu kienet hemm f'għajnejk.

Kemm kont niggustak tipprova tkellimni
Qisek se tgħidli dak il-kbir sigriet,
Il-ħeġġa tiegħek għall-ħajja fejqnittni
Imliet lil qalbi b'turrun ta' tamiet.

Il-vjaġġ tagħna flimkien baqa' iterraq
Sakemm waslu l-jiem mistkerrħa tat-tluq,
Imma anki f'dak id-dlam li kien idawrek
Xorta waħda bqajt soda b'rasek 'l fuq.

Il-preżenza ħelwa tiegħek speċjali
Kienet timla' bil-faraġ l-imġarrbin,
Dan ngħidu għalija, meta tlift l-ommi,
Fik sibt spalla w bqajt naħdem għall-Bambin.

Għadni ngħożż f'qalbi sew dik il-quddiesa
Li qaddistlek jiem qabel ħallejtna,
Is-skiet tiegħek kemm baqa' ixandrilna
Imħabbtek li biha tant ħabbejtna.

Għażiża Josianne, kemm kont titbissimli
Għal dejjem int se tgħix w tgħammar f'talbi,
Strieħ issa mara qalbiena u ħelwa
Int teżor, tibqa' għal dejjem f'qalbi.

Patri Mario Attard OFM Cap
31 ta' Marzu 2025

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.